MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 125/2008

**Joseph (ID 878551M) u Theresa (ID 276156M) konjugi Sciberras**

**vs**

**Christopher (ID 172569M) u Ursola (ID 378865M) konjugi Bellizzi**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

Illi huma s-sidien tal-fond numru sitta (6), Triq San Federiku, Cospicua li gie minnhom akkwistat in forza ta' kuntratt in Atti tan-Nutar Dott. Alexander Sciberras Trigona datat disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu elf disa' mija tmienja u sebghin (1978) (Dok A);

Illi permezz ta' kuntratt in Atti Nutar Dott. Marco Farrugia datat erbgha (4) ta' Jannar elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) l-esponenti kienu kkoncedew lil certa Fedela Abela l-fond numru sitta (6) Triq San Federiku Cospicua b'titlu ta' cens temporanju li skada fl-erbgha (4) ta' Jannar elfejn u sebgha (2007) (Dok B);

Illi meta l-esponenti fit-terminazzjoni tal-koncessjoni marru sabiex jirriprendu lura l-pussess tal-fond sabu lill-intimati fil-fond odjern;

Illi ghalhekk prezenzjalment, l-intimati qed jokkupaw il-fond imsemmi minghajr ebda titlu validu fil-ligi;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu 'l din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li joghgobha timponi fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja joghgobha:

Tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua, minghajr ebda titlu validu fil-ligi;

Tikkundanna lill-intimati jizgombraw mill-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua u jirrilaxxjawh bil-pussess vakanti a favur ta' l-esponenti, u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti.

Tawtorizza lill-esponenti jirripendu l-pussess lura tal-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua.

Bl-ispejjez, tal-prezenti, u kontra l-intimati b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni li tispetta lill-esponenti.

Rat li l-intimati debitmwent notifikati ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta u ghalhekk baqghu kontumaci;

Semghet lil Joseph Sciberras bil-gurament;

Peress illi jidher li t-talbiet tar-rikorrenti kontra l-intimati huma gustifikati;

Tilqa' t-talbiet u tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua, minghajr ebda titlu validu fil-ligi;

Tikkundanna lill-intimati jizgombraw mill-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua fi zmien xahar improrogabbli millum, u jirrilaxxjawh bil-pussess vakanti a favur ta' l-esponenti u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jirripendu l-pussess lura tal-fond numru sitta (6) Triq San Federiku, Cospicua.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------